**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU L-ĦAMSA U ERBGĦIN 14ta' NOVEMBRU, 2018**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, Dr Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri illum ġie u avża li ma sjistax ikompli fil-kariga tiegħu bħala ambaxxatur taż-żgħażagħ minħabba li ġie aċċettat biex jikkontesta għall-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali fis-sena li ġejja. Il-Kunsill awguralu għall-futur tiegħu.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **45.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 45.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta'appoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **45.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 45.2.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-half marathon kienet suċċess kbir u ħadu sehem aktar minn 1500 persuna.<br>Is-Sindku qabel mal-Kunsillier u żied jgħħid li r-reklamar fuq iż-Zurrieq sar tajjeb ukoll. |
| | | |
| 45.2.2 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li fuq punt 44.4.5 l-art mal-Land registery taqa taħt il-privat, imma hemm sentenza li għad trid tinqata. |
| | | |
| 45.2.3 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia tkellem fuq punt 44.6D.11 fejn spjega aktar il-każ. Kien hemm qbil li l-bollard titmexxa għal-kantuniera ta' Triq il-Mitħna. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 45.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tal-erbgħa u erbgħin –il seduta. |
| | | |
| ***45.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 45.3.1 | | Is-Sindku qal li l-mawra tar-repreżentanti minn Angermunde fejn saret laqgħa fil-Kunsill u ikla fil-Fortizza f'Tas-Sliema. Kien hemm proposta li jsiru proġetti bejn iż-żewġ postijiet.<br>Il-Kunsillier David Abdilla qal li l-aktar li kien hemm taħdidied fuq attivitajiet sportivi u mużikali. Hu qal li ltaqa' magħhom ukoll il-Kunsillier li kien ħadem fuq dan il-ġemellaġġ (ex kunsillier) |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***45.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 45.4.1 | | Il-Viċi Sindku rringrazzjat lill-helpers li taw l-għajnuna tagħhom fl-għoti tal-influwenza fosthom lis-Sindku, l-Kunsillier Joseph D'Amato u lis-sinjuri li għinu biex tingħata l-injection tal-influwenza Erwin Darmanin, Rose Scalpello, Gina Farrugia, Mary Sammut.<br>Kien hemm qbil li jiġu stmati bħal snin preċedenti.<br>Is-Sindku qal li l-Kunsilll għandu jistma ukoll lis-Sinjura li qed issewwi l-bnadar tal-Kunsill bla ħlas.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 45.4.2 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li hemm ħajt imwaqqa fi Vjal ix-Xarolla li ilha tirrapporta ħafna xhur u għadu ma sarx. Hi qalet ukoll li hemm iżjed ħitan imwaqqa viċin it-triq ta' Ħal Safi. |
| | | |
| 45.4.3 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li fil-maltemp li għadda reġgħa daħal l-ilment li fi Triq San Bartilmew reġa kien hemm persuni li daħlilhom l-ilma fi djarhom.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hu għadda minn hemm diversi drabi fil-maltemp u qatt ma ra ilma dieħel għand ir-residenta li qed tissemma.<br>Kien hemm qbil li sa laqgħa oħra s-Segretarju Eżekuttiv tiġbor stima mingħand il-perit biex isir culvert, jew joffri soluzzjoni oħra. |
| | | |
| 45.4.4 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li waqt il-Pink October fejn kienet preżenti s-Sinjura Michelle Muscat, fejn il-Mitħna tax-Xarolla, il-Kunsill ġie preżentat bi plakka kommemorattiva. |
| | | |
| 45.4.5 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia staqsiet f'hiex waslet il-proposta tas-cctv fejnil-ħwienet ta Vjal il-Blue Grotto k/m Triq l-Imqabba.<br>Kien hemm qbil li l-ispettur il-ġdid taż-Żurrieq jintalab jiġi għas-seduta ta' Jannar. |
| | | |
| 45.4.5 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrguia qal li int u sejjer lejn Garden of Eden qed joqgħod ħafna ilma. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li diġa saret patch kbira biex issolvi parti mill-problema.<br>Is-Sindku qal li din it-triq ser issir mil-Gvern fi ftit żmien ieħor. Kien hemm qbil |

| | | |
|---|---|---|
| | | li ġaladarba ser issir mill-Gvern, il-Kunsill ma jkompliex jagħmel manutenzjoni fuqha.. |
| | | |
| 45.4.6 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li Cleansing Department naddfet diversi postijiet fiż-Żurrieq, fosthom Triq is-Sienja. It-tindif ser ikompli jsir f'toroq oħra. |
| | | |
| 45.4.7 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li fi Triq iċ-Ċombini hemm sleeping policeman li qed iżomm l-ilma tax-xita u jidħol fid-djar tar-residenti.<br>Is-Sindku talab biex Triq iċ-Ċombini issir One way, fuq talba mir-residenti. Il-Kunsillier inkarigat mit-traffiku s-Sur David Abdilla ser imur jara il-każ. Kien hemm qbil issir petizzjoni fuq is-sitwazzjoni. |
| | | |
| 45.4.8 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li :<br>• hemm żebbuġa fi Triq Ferdinando Falzon biex tinżabar. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fit-triq għal-ġnien tal-Ġibjun hemm żewġ bankijiet fejn joqgħod resident. Dan ir-resident ma jridx dawn il-bankijiet għax qed idejquh in-nies li jkunu bilqegħda, għax qed jiksru l-privatezza tiegħu. Kien hemm qbil fuq dan u jitremew għax antiki ħafna.<br>• is-central strip ta' Triq Wied Babu jeħtieġ li tiqsar. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• fi Sqaq Barcellona kien hemm bollard li ttieħdet mill-kuntrattur waqt li kien qedjagħmel xi xogħol fi Vjal ix-Xarolla. Kien hemm qbil li ssir bollard oħra.<br>• Fi Sqaq Barcellona intalbet sleeping policeman kif kien hemm qabel ma saret it-triq. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 45.4.9 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-out door gym issa tlestielu d-dawl u qed jixgħel kif xieraq. Il-Kunsillier Dino Bonnici qed jitlob għan-nom taż-Żurrieq FC biex il-Kunsill joffri spazzju għal sub meter tad-dawl, fil-kaxxa li għamel il-Kunsill, għaliex issa l-grawnd lest, imma ma jistax jintuża għax m'hemmx dawl fih. Dan is-sub meter jiġi mħallas miż-Żurrieq FC u l-Kunsill ma jkun involut f'xejn finanzjarjament, lanqas tal-kontijiet tal-konsum. Kif ikollhom il-meter fiss, dan is-sub metre temporanju jinqala. Kollox mħallas miż-Żurrieq FC. Dan qed jintalab għall-fatt li minħabba li l-Kunsill dam biex installa l-meter tad-dawl tiegħu, waqqaf liż-Zurrieq FC milli japplikaw għal meter tagħhom.<br>Kien hemm qbil unanimu li jekk dan is-sub meter hu skont il-liġi, l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jsir. |
| | | |
| 45.4.10 | | Il-Kunsillier Joseph DAmato qal li l-kunċert tal-Milied mill-orkestra tal-Kunsill ser isir fit-28 ta' Diċembru, fl-iskola primarja. Ser ikun hemm bżonn l-affarijiet li kellna bżonn is-sena l-oħra. |
| | | |
| ***45.5*** | | ***RAPPORTI*** |
| ***45.5a*** | | ***Estimi Annwali 2019*** |
| 45.5a.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet abbozz tal-budget 2019 ghall-attenzjoni tal-Kunsill. Dan ġie diskuss u approvat. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***45.5b*** | | ***Rapport Annwali Amministrattiv 2018*** |
| 45.5b.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport annwali amministrattiv tas-sena 2018. Dan ġie approvat biex jintbgħat. |
| | | |
| ***45.6*** | | ***ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL LOKALI LI JKUNU MEĦTIEĠA.*** |
| | | |
| ***45.6A*** | | ***Rampi Perikolużi fi Triq Dun Ġużepp Farrugia u Triq Dun Luret Zammit*** |
| | | |
| 45.6A1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email mill-perit tal-Kunsill, b'risposta fuq ilment li għamel il-Kunsill fuq ir-ranep tat-toroq Dun Ġużepp Farrugia u Triq Dun Luret Zammit. Il-perit qal li l-uika soluzzjoni li hemm hija li l-bankini jiġu irranġati biex n-nies jkunu jistgħu jimxu fuqhom. L-garaxxijiet jiġu aċċessati billi jsiru ranep tal-injam li jitpoġġew u jitnaħħew kull meta jdaħlu jew oħorġu l-karozza. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob il-parir ta' Transport Malta fuq dan il-każ u terġa titressaq fis-seduta li jmiss. Fl-istess ħin il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ser tiċċekja l-każ mad-Dipartiment tal-artijiet. |
| | | |
| | | |
| ***45.6B*** | | ***Laqgħa annwali*** |
| | | |
| | | |
| 45.6B. 1 | | Kien hemm qbil li l-laqgħa annwali tal-lokalita' ssir nhar 19 ta' Diċembru fis-18:15. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***45.6.D*** | | ***APPROVAZZJONI:XOGĦLIJIET U SERVIZZI*** |
| | | |
| | | |
| 45.6D. 1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq dawn l-ilmenti imressqa mir-residenti:<br>• biex Triq il-Qrendi ssir 'one way' l' kontra tad-direzzjoni li hi bħalissa, minħabba li ħafna vetturi qed jgħaddu minn parti dejqa fi Triq il-Ħaddiema bil-konsegwenza ta' xi inċident – Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Fi Triq Dun Luret Zammit ilu snin kienet saret yellow box quddiem bieb ta' garage imma li żgura ma tidħolx vettura minħabba li għandu tarġa għolja quddiemu. Ġie mitlub li jitneħħa. Kien hemm qbil li titneħħa l-kaxxa.<br>• Petizzjoni minn residenti fi Vjal l-Indipendenza biex jitolbu sleeping policeman quddiem ir-residenza tagħhom. Kien hemm qbil li l-kunsill ser jinvestiga il-każ.<br>• Ittra mingħand l-avukat ta' residenta fi Triq P P Saydon biex rampa li hemm fit-tarf ta' bankina titneħħa ħalli ma jitlax l-ilma tax-xita u jibqa dieħel fil-propjeta tar-residenza kif ta' kull darba jsir fil-maltemp. Kien hemm qbil li navżaw lill-perit biex jara il-każ.<br>• Suġġeriment biex fil-lokalita' jkun hawn mezz alternattiv ta' trasport għaż-żgħażagħ permezz ta' scooters. Ma kienx hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Biex jinbidlu ħafna mil-bins tal-klieb u l-bins l-oħrajn, għax jinsabu imsaddin. Kien hemm qbil li jinbidlu f'tal plastik.<br>• Biex il-letrina tal-Ġnien tal-Ġibjun tibda tinfetaħ kuljum u mhux fis-sajf biss u li r-reċipjenti tal-iskart jibdew jitnaddfu kuljum ukoll u jinkines il-ġnien kollu. Fi ġnien il-Ġibjun kien hemm żewġ persuni jieħdu ħsieb min-naħa tal-MTA imma dawn ittieħdu u m'għad hemm ħadd jieħu ħsieb. Is-Segretarju Eżekuttiv ġabret stima mingħand il-persuna li qed tieħu ħsieb il-letrina tal-istess ġnien fil-weekend u fis-sajf u din offriet li tagħmel ix-xogħol għal 9Euro kuljum – tindif tal-ġnien, tbattil ta' bins u ftuħ tal-latrina mit-8:00 sal-17:00 u t-tindif tagħha. Kien hemm qbil li jekk sal-aħħar ta' din il-ġimgħa ma tinstabx persuna oħra li lesta li tagħmel dan ix-xogħol, tali xogħol jingħata lis-Sinjura Mary Curmi li tieħu ħsieb il-latrini tar-raħal. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li ser jipprova jġib żewġ ħaddiema mill-Gvern jieħdu ħsieb dan kollu.<br>• Biex isir bank ġdid taħt iċ-ċint fin-Nigret. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>F'dan il-ħin ħareġ mis-seduta l-Kunsillier Dino Bonnici (ħin 20:19) |
| | | |
| 45.6D. 2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet petizzjoni mir-residenti ta' Triq il-Karmnu minħabba l-ħmieġ ta' qtates li hemm fit-triq u ressqet suġġeriment biex isir cat cafe fil-ġnien tal-ġibjun u l-qtates li hemm fi Triq il-Karmnu jibdew jiġu msewwija wieħed wieħed u jitpoġġew fil-cat cafe, fejn ikunu miżmuma fil-magħluq u jieħdu ħsiebhom l-feeders. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-MTA fuq dan ir-rigward u din ġiet milqugħa. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-ġimgħa l-oħra saret laqgħa bejn ir-residenti, feeders u d-Direttur tal-Animal Welfare, fejn ġie diskuss il-każ. Id-Direttur tal-Animal Welfare informa li jekk il-Kunsill jagħmel cat cafe, id-dipartiment ikun jista jgħin finanzjarjament.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email u petizzjoni minn residenti ta' Triq il-Karmnu u l-akwata minħabba l-ħmieġ tal-qtates li qed ikollhom fit-triq. Fejn ġie mitlub li l-Kunsill isib soluzzjoni u li l-cat cafe jista jtaffi mil-inkonvenjenza li qed ibagħtu r-residenti.<br><br>Wara diskussjoni twila, ma kienx hemm qbil mill-Kunsill li għandu jsir cat cafe fil-ġnien tal-Ġibjun fosthom minħabba l-Guy boċċi klabb, it-tfal li jifrekwentaw il-ġnien u li l-qtates ser ikunu imsakkrin f'post wieħed.<br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ssuġġerixxa li tali cat cafe isir fit-triq li miż-Żurrieq tieħdok għal Qrendi (fejn il-Krojs) imma il-proposta ma kienetx iffinalizzata mill-Kunsill. |
| | | |
| 45.6D. 3 | | Is-Sindku qal li tkellem ma' Dr Mark Xuereb psikjatra biex jagħti taħdidiet fuq il-mard mentali u dipressjoni. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 45.6D. 4 | | Is-Sindku ppropona li l-ikla tal-Milied issir wara s-seduta ta' Diċembru, f'Montekristo u din id-darba issir mal-membri tal-Kumitat Amministrattiv ta' |

| | | |
|---|---|---|
| | | Bubaqra. |
| | | |
| ***45.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA/ KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*** |
| | | |
| 45.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-seduta numru 53 tal-Kumitat Amministrattivta' Bubaqra u tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ numri 40 u 41. |
| | | |
| ***45.8*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI*** |
| | | |
| 45.8.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali tal-laqgħa numru 12 li saret fit-25 ta' Settembru, 2018 u tal-Gal Xlokk numru 86 li saret fit-27 ta'Settembru, 2018. |
| | | |
| | | |
| ***45.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 45.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 7** għall-ammont totali ta' **€82,922.49**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u l-kunsillier Joseph Dámato.<br><br>Din hi l-lista approvata tal-impjegati li ser jidħlu overtime għas-sibtijiet. Laqgħat oħra ta' sotto kumitati, li jinqalgħu u li s'issa m'hemmx dati tagħhom, jiġu approvati f'seduta oħra.<br><br>**Overtime / Extra Working Hours**<br><br>Mhux suppost li jkun hemm ħafna overtime minħabba l-ħinijiet ġodda tal-ftuħ tal-uffiċini. L-overtime li jista jkun hemm ikun dak urġenti biss. |
| | | |
| ***45.10*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 45.10.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-21:15. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 19 ta' Diċembru, 2018 fis-6.30 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _19_ ta' DIĊEMBRU, 2018.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**